# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 1211/99 PS**

**George u Grace konjugi Cachia**

**vs**

**Mary Grech**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fil-11 ta' Settembru, 2000, f'din il-kawza, liema sentenza taqra kif gej:-

> **"Il-Tribunal,**
>
> Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250.00,0) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' gebel ecc. lilha maghmul matul is-sena 1998 fil-fond 28, Fleur-de-lys Road, Birkirkara. Bl-imghax u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-23 ta' Mejju, 1999, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

a. Illi, fl-ewwel lok, l-azzjoni hija intempestiva peress illi l-kuntratt ta' l-appalt ma giex xolt **ad nutum**, kif jitlob l-artikolu 1640 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

b. Illi, fil-mertu, l-atturi ma humiex intitolati ghal dak il-hlas stante illi (i) huma diga' thallsu ghax-xoghol li ghamlu sa issa; u (ii) di piu', ix-xoghol li ghamlu ma hux skond l-arti u s-sengha, u anke kkawza hsarat fil-proprjeta' tal-konvenuta;

c. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Sema' bil-gurament lill-partijiet; ezamina d-dokumenti esebiti fosthom ix-xhieda pprezentata permezz ta' affidavits ta' l-istess attur u ta' l-arkitett u inginier civili Lawrence Mintoff u c-certifikati, konfermati bil-gurament, ta' l-arkitett u inginier civili Godwin J. Aquilina, u l-provi kollha prodotti mill-partijiet; u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula verbalment mid-difensuri tal-partijiet;

Jikkunsidra:

1. Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni dwar l-intempestivita ta l-azzjoni attrici peress illi l-kuntratt ta' l-appalt ma giex xolt *ad nutum*, jigi rilevat illi:

a. Il-konvenuta, permezz tal-perit taghha l-A.I.C. Lawrence Mintoff, inkarigat lill-attur biex jaghmlilha xi xoghol strutturali konsistenti f'estensjoni u modifiki fid-dar taghha f'numru 128, Triq Fleur-de-lys, Birkirkara. Ix-xoghol **tlesta** f'Settembru ta' l-1998. Il-Perit Mintoff hareg kont tax-xogholijiet, datat 22 ta' Ottubru, 1998, u l-konvenuta hallset, permez ta' tliet *cheques*, l-ahhar wiehed fis-16 ta Ottubru, 1998. L-ammont komplessiv ta' dawn it-tliet *cheques* ma kienx ikopri l-kont shih kif mahrug mill-perit taghha, peress li hija oggezzjonat li thallas il-bilanc – li llum qed jigi kkalkolat u pretiz mill-atturi fl-ammont ta' LM250 – ghaliex tallega li partijiet mix-xoghljiet l-attur esegwihom mhux skond il-ftehim u ohrajn mhux skond l-arti u s-sengha.

b. L-artikolu 1640 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:

"Min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt ta' appalt, ghalkemm ix-xoghol ikun ga beda, billi jhallas lill-

appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu, flimkien ma somma li tigi meqjusa mill-qorti, skond ic-cirkustanzi, izda mhux izjed mill-qligh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt."

c. Fil-fehma meqjusa tat-Tribunal, dan l-artikolu tal-ligi ma hux applikabbli ghall-kaz taht ezami peress illi l-konvenuta ma hix qieghda **tholl** kuntratt ta' appalt mibdi u **mhux mitmum**, izda hija qieghda toggezzjona li thallas bilanc mill-kont tax-xoghlijiet **mitmuma** peress li hija tghid li xi xoghlijiet ma sarux skond l-ordni jew skond is-sengha. Hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatt li x-xoghlijiet **tlestew**, tant li l-konvenuta inkarigat lill-perit taghha, l-A.I.C. Lawrence Mintoff, biex jaghmel il-kejl u johrog il-kont finali, kif fil-fatt ghamel, u hija ghamlet xi pagamenti – u tghid li fuq l-ahhar *cheque* li baghtet lill-attur hija nizzlet li dak l-ahhar pagament hija kienet qieghda taghmlu *as final settlement*.

d. Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, fejn hija qieghda tinvoka c-citat artikolu 1640 tal-Kodici Civili, ma hijiex sostenibili u qieghda tigi michuda.

2. Fir-rigward tal-mertu tat-talba attrici, it-Tribunal jaghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

a. Kif gie rilevat, ix-xoghlijiet esegwiti mill-attur tlestew f'Settembru, 1998, l-ahhar hlas mill-konvenuta sar fis-16 ta' Ottubru, 1998, u l-kont finali, bil-mizuri u l-prezzijiet relattivi, gie rilaxxjat mill-perit ta' l-istess konvenuta, l-A.I.C. Lawrence Mintoff, fit-22 ta' Ottubru, 1998.

L-attur jghid li, meta l-konvenuta hallsitu permezz ta' l-ahhar *cheque*, kien fadal bilanc ta LM250 u jzid jghid (fix-xhieda tieghu prezentata permezz ta' affidavit) li l-konvenuta "ippromettiet" li thallas dan il-bilanc.

b. Sussegwentement, il-konvenuta tghid li hija skopriet li (i) xi xoghlijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha, (ii) ohrajn ma sarux skond il-ftehim, (iii) u ohrajn iddahhlu fil-kont minghajr ma saru. Ma indikatx meta hija skopriet dawn id-difetti, pero' tghid li ma informatx bihom lill-perit taghha, l-A.I.C. Lawrence Mintoff, ghaliex hija kienet informat lill-attur.

Fix-xitwa tas-sena ta' wara (1999), cioe' aktar minn sena wara li tlesta x-xoghol, il-konvenuta tghid li dahlilha l-ilma tax-xita, u inkarigat perit iehor, L-A.I.C. Godwin J. Aquilina biex jispezzjona l-post. Fl-10 ta Dicembru, 1999, dan il-perit irrilaxxja certifikat

dwar il-penetrazzjoni ta' dan l-ilma fil-fond tal-konvenuta (dok. "D"), u, hames xhur wara, cioe' bid-data tas-16 ta' Mejju, 2000, l-istess Perit Aquilina rrilaxxja certifikat iehor li fih huwa elenka ghaxar (10) *items* fix-xoghol esegwit mill-attur fil-fond tal-konvenuta li huwa jghid li ma sarux sewwa. Iz-zewg certifikati gew konfermati bil-gurament mill-istess arkitett u inginier civili G.J. Aquilina.

c. L-oggezzjonijiet tal-konvenuta ghat-talba attrici jistghu jigu raggruppati taht tliet kapi: (i) hija tghid li, minhabba li l-attur ma esegwiex ix-xogholijiet skond l-arti u s-sengha jew kif kien miftiehem, hija kellha tinkorri fi spejjez extra; (ii) l-attur dahhal fil-kont valur ta' xoghol li fil-fatt ma ghamlux, u precizament il *powerfoam*; (iii) xi xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha, u ohrajn, i.e. il-faxex, saru bla ma kienu ordnati.

-i- Dwar l-ewwel kap, il-konvenuta xehdet li hija kellha tqabbad terzi persuni biex jaghmlulha xoghlijiet extra minhabba li hija tallega li l-attur ma esegwiex l-appalt skond il-ftehim jew skond is-sengha. Apparti l-fatt li l-konvenuta ma ikkwantifikatx il-valur ta' parti minn dawn ix-xogholijiet extra – li, komplessivament il-valur taghhom jista' jaqbez il-kompetenza ta' dan it-Tribunal – il-konvenuta ma iddeducietx dawn il-pretensjonijiet taghha bil-modalita' li trid il-ligi, cioe' permezz ta' kontro-talba a tenur tar-regoli 4 (1) (b) (iii) u 5 (1) tar-Regoli ta' l-1995 dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (A.L. nru. 145 ta' l-1995). Inoltre, il-valur globali ta' dawn il-pretensjonijiet ma jistax jitqies li hu cert u likwidu. It-Tribunal, ghalhekk, mhux qed jiehu konjizzjoni ta' dawn il-pretensjonijiet li l-konvenuta ma kellha ebda jedd tnaqqashom arbitrarjament mill-kont dovut lill-attur.

-ii- Dwar il-*powerfoam* li l-konvenuta tghid li l-attur ikkalkolah bl-LM20 kull qasba kwadra, dahhlu fil-kont u thallas tieghu, minghajr, pero', ma ghamlu (xhieda taghha: 27.01.2000), ma hemm l-ebda dubju, anke ex admissis da parti ta' l-attur, li dan fil-fatt ma sarx, ghaliex, jghid l-attur, ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet biex isir dan il-*powerfoam*. Ghalkemm hemm riferenza ghall-*powerfoam* fl-**abbozz** originali tal-ftehim, redatt mill-A.I.C. Lawrence Mintoff ghan-nom tal-konvenuta, pero' il-partijiet jaqblu li dak baqa' abbozz u ma giex iffirmat la mill-partijiet u lanqas minn xi haddiehor f'isimhom, tant li l-istess konvenuta fix-xhieda taghha qalet li kien gie sussegwentement rivedut. Fir-rigward ta' l-istess abbozz, li l-attur irriferixxa ghalih bhala "prospett" u huwa markat bhala dokument MG2, l-istess attur xehed hekk: "dan il-prospett kien ftehim fl-arja. Fuqu ma ftehemna fuq ebda item" (xhieda: 07.07.2000). Fil-kont finali,

mahrug mill-A.I.C. Lawrence Mintoff, li issorvelja x-xoghol u kien imqabbad mill-konvenuta, ma jissemma ebda *powerfoam*, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-attur thallas tal-*powerfoam* li hu ma ghamilx u li allegatament iddahhal fil-kont finali. Konsegwentement l-oggezzjoni tal-konvenuta f'dan ir-rigward hija bla bazi, u hija ma kellhiex dritt tnaqqas minn jeddha xi valur ghall-*powerfoam* mill-kont ta' l-attur.

-iii- Fir-rigward tat-tielet kap ta' oggezzjonijiet tal-konvenuta, cioe' li x-xoghlijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha, u li ohrajn saru bla ma kienu ordnati, senjatament il-faxex, jigu rilevati l-fatti segwenti:

*Il-kostruzzjoni tal-faxex saret fid-dieher, b'mod evidenti, u l-konvenuta setghet facilment taraha u, jekk kien il-kaz, setghet toggezzjona ghaliha *a tempo vergine* bla ma toqghod tistenna li jintemmu x-xoghlijiet u *thallas*; u setghet ukoll tinforma lill-perit taghha li ssorvelja x-xoghol – haga li hija stess ammettiet li ma ghamlithiex. Terga', hija qaghdet tistenna li **tghaddi aktar minn sena mindu tlestew ix-xoghlijiet** biex tqabbad perit **iehor** – l-A.I.C. Godwin J. Aquilina – meta dahlilha l-ilma tax-xita, biex jaghmel rapport tad-difetti fl-istess xogholijiet li hija kienet qieghda tilmenta minnhom. Irid jinghad ukoll li l-A.I.C. G.J. Aquilina ma kienx involut fil-ftehim qabel u waqt li kienu qeghdin jigu esegwiti x-xogholijiet mill-attur, ma ssorveljax l-istess xoghlijiet u lanqas ma kien qed jirrapprezenta lill-konvenuta matul l-istess perijodu. Ghall-kuntrarju, kien l-A.I.C. Lawrence Mintoff li kien inkarigat mill-konvenuta biex jirraprezentaha fil-ftehim ma' l-attur, jissorvelja x-xoghol u jirredici c-certifikat finali u l-kontijiet tax-xogholijiet esegwiti mill-attur. Il-Perit Mintoff ghamel dan minghajr rizervi. Fis-6 ta' Lulju, 2000, l-A.I.C. Lawrence Mintoff ikkonferma bil-gurament ic-certifikat segwenti:

"Jien gejt inkarigat minn Mary Grech Mintoff, fil-kapacita' tieghi ta' perit u inginier civili, in konnessjoni ma' xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond 128, Fleur-de-lys Road, Birkirkara.

Mix-xoghol ta' kostruzzjoni kien inkarigat l-attur George Cachia.

Jien spezzjonajt ix-xoghol kollu, u nista' nghid li x-xoghol ta' George Cachia sar generalment skond is-sengha u l-arti. Jien ghaldaqstant hrigt il-kont relattiv li qieghed naghraf u li qed jigi markat bhala dokument "A".

3. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, l-oggezzjonijiet tal-konvenuta ghat-talbiet attrici – ghalkemm jista' jkollhom

rilevanza f'gudizzju separat li, pero', jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal – ma humiex sostenibili f'dina l-istanza. Jigi rilevat inoltre illi d-differenza bejn il-kont totali tax-xogholijiet, kif kalkolat mill-A.I.C. Mintoff, u l-ammont komplessiv tal-hlasijiet maghmula mill-konvenuta, cioe' LM376.03c, kienet tesorbita wkoll mill-kompetenza tat-Tribunal li kieku l-attur ma rriduciex it-talba tieghu ghal LM250.00c. Kienu x'kienu r-ragunijiet li ghalihom l-attur irriduca t-talba tieghu, flimkien mal-fatt li huwa ghamel xoghlijiet ohra – e.g. qlugh ta' sigar u haxix hazin, ecc. – li ghamilhom volontarjament u bla hlas, dan kollu vvantaggjat minnu l-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi:

1. Jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuta;

2. Jilqa' t-talba attrici, kif dedotta fl-Avviz, ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250.00c), dovuta mill-konvenuta ghar-ragunijiet premessi; u, konsegwentement,

3. Jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250.00c), dovuta kif fuq spjegat, flimkien ma l-imghaxijiet dekorribili mil-lum.

Qed jigi rizervat favur il-konvenuta kull dritt ta' azzjoni *si et quatenus* kontra l-atturi ghal pretensjonijiet taghha mhux decizi f'dan il-gudizzju.

Fic-cirkustanzi specjali tal-kaz ikun gust u ekwu li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu minghajr taxxa".

Minn dik is-sentenza appellat il-konvenuta permezz ta' rikors ta' appellipprezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellat u dan billi tichad it-talbiet attrici u takkolji l-eccezzjonijiet sollevati minnha.

Hu appena necessarju jigi mfakkar illi fit-termini ta' l-artikolu 8 (2) ta' l-Att V ta' l-1995 dwar it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar m'huwiex koncess

dritt ta' appell dejjem u f'kull kaz, anqas jekk si tratta ta' kwistjonijiet legali, imma biss meta t-Tribunal, b'mod gravi, jkun mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi, u tali azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' l-appellanti.

Issa jinghad mill-ewwel illi t-tlett faccati li jirraggruppaw l-ilmenti, cioe' l-aggravji ta' l-appellanti, ghalkemm suppost, kif tiddikjara hi stess, huma intizi biex jispjegaw kif it-Tribunal mar gravament kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' ta' l-ekwita' bi pregudizzju ghal jeddijiet taghha, in realta' m'huma xejn hlief kritika ta' l-apprezzament ghal dawk li huma fatti u konsiderazzjonijiet relatati li ghamel it-Tribunal. Certament minn analizi akkurat ta' dawn l-aggravji ma jistax jinghad, taht xi aspett, illi minnhom tohrog xi indikazzjoni tan-nuqqas li l-ligi tispecifika bhala l-uniku li jaghti dritt ghal appell.

Hemm pero' konsiderazzjoni wahda illi din il-Qorti jidhrilha li hija rilevanti u li se tiehu konjizzjoni taghha. Jidher illi t-Tribunal gie sgwidat mill-appellati meta dawn esebew il-kont tal-Perit Lawrence Mintoff bl-asserzjoni, anzi bl-affermazzjoni li dak kien l-ahhar kont tal-Perit Mintoff li fuqu kienet qeghda tigi bazata t-talba attrici – anke jekk fil-fatt l-atturi qatt ma ppruvaw ghala d-differenza bejn dak li hallset, skond huma, il-konvenuta u dak li kkonteggja bhala total dovut il-Perit, ma gietx spjegata. Infatti kif sewwa rrileva t-Tribunal id-differenza bejn il-kont tal-

Perit u dak li hallset ma kienetx ta' mitejn u hamsin lira imma ta' tlett mija u sitta u sebghin lira u tlett centezmi. Irrispettivament minn dan kollu, pero', irrizulta fl-istadju ta' dan l-appell li dak li suppost kien il-kont finali tal-Perit Mintoff effettivament ma kienx il-kont finali ghaliex kif xehed huwa stess fis-seduta quddiem din il-Qorti tat-22 ta' Mejju, 2001, wara dak il-kont rilaxxjat fit-22 ta' Ottubru, 1998, huwa, fit-22 ta' Jannar, 1999, irrilaxxja kont korrettorju rigwardanti l-*items* G2, G5, G6, K1, K2, K3, K7, u K8.

Isegwi minn dan li bilfors din il-Qorti hija tenuta illi tiehu dan in konsiderazzjoni in osservanza tal-principju ta' ekwita', ghaliex certament ma jistax jinghad li gie sodisfatt il-vot ta' ekwita' fil-prim'istanza jekk gie injorat il-kont revizorju li ssemma'. Fil-fatt l-appellanti tallega illi dan il-kont kien gie esebit fi prim'istanza u li ghal xi raguni jew ohra ma jinstabx fil-process. Effettivament meta xehed jew meta ta l-affidavit tieghu il-Perit Lawrence Mintoff hemm indikazzjoni li kien qed jipprezenta l-kont Dok A li fil-fatt ma jezistix fil-process li fih jezisti biss id-kont Dok B.

Din il-Qorti ghamlet il-konteggi fit-termini ta' l-att korrettorju u tasal ghall-konkluzzjonijiet li gejjin:-

1. Il-partita G2 - intestata hitan singlu ta’ 9 pulzieri fuq il-pedament trid tigi taqra Lm464.15c flok Lm465.61c, jigifieri differenza favur il-konvenuta ta’ Lm1.46c.

2. Il-partita G5 – ingall - tigi taqra Lm8.65 flok Lm12, jigifieri differenza ta’ Lm3.35c favur il-konvenuta.

3. Il-partita G6 - faxxi lixxi - tigi taqra Lm133.87c flok Lm133.12c jigifieri .75c favur l-appellati.

4. Il-partita K1 - suletti tal-konkos - tigi taqra Lm81.41c flok Lm90.38c jigifieri Lm8.97c favur l-appellanti.

5. Il-partita K2 - blajjiet tal-konkos - tigi taqra Lm549.96c flok Lm776.71c. jigifieri Lm226.75c favur l-appellanti.

6. Il-partita K3 - mili tal-planti - tigi taqra Lm62.33c flok Lm102.13, jigifieri Lm39.80c favur l-appellanti.

7. Il-partita K7 - hadid extra ta’ 3/8” - tigi taqra Lm33.69 flok Lm16.45c, jigifieri Lm17.24c favur l-appellati, u fl-ahharnett

8. Il-partita K8 - Stirrups extra ta' 3/8" - tigi taqra Lm13.65c flok xejn, jigifieri Lm13.65c favur l-appellati.

Dan ifisser illi bis-CET tal-5% l-ammont li skond ir-rati riveduti mill-Perit Mintoff kellu jkun dovut lill-appellati kien ta' Lm2.697.90c li qeghdin jigu arrotondati ghal Lm2,698. Dawn il-konteggi huma bazati fuq total li minn LM2,818.12c isir Lm2,569.43c, u CET li minn Lm140.91 issir Lm128.47c.

Jirrizulta li l-appellanti hallset lill-atturi appellati s-somma ta' Lm2583.94 li qed tigi arrotondata ghal Lm2584. Dan igib illi l-appellanti ghad fadlilha thallas lill-appellati s-somma ta' Lm114 u mhux it-Lm250 li gew pretizi bl-avviz u akkordati mit-Tribunal. Ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevedi d-decizjoni tat-Tribunal f'dawn it-termini.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenuta Mary Grech billi tilqa' l-istess limitatament fis-sens li ser jinghad, u cioe', billi tirriforma s-senteza appellata billi tirriduci s-somma dovuta mill-appellanti u li hija kundannata thallas lill-atturi minn Lm250 ghal Lm114. Jibqa' rizervat ukoll favur il-konvenuta kull dritt ta' azzjoni si et quatenus kontra l-atturi ghall-pretensjonijet taghha mhux involuti f'din il-vertenza kif deciz mit-Tribunal. L-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif gia decizi,

mentri dawk ta' dan l-appell jigu sopportati mill-partijiet skond ir-rebh u telf rispettiv.

Dep/Reg

mm